# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 225/2019: **NO DEPOSIT CARS MALTA LIMITED (C85780) V. BRAYDON PACE (KI. 57198M)**

(IN-NULLITA’ TA’ FTEHIM MINĦABBA VIZZJU TAL-KUNSENS TISTA’ TIĠI SOLLEVATA BĦALA EĊĊEZZJONI – KAP. 16, ART. 1226(1) – FIL-KAŻ TA’ DIFETTI MOĦBIJA R-RIMEDJI KONTEMPLATI FIL-KODIĊI ĊIVILI HUMA BISS L-AZZJONI REDIBITORJA U L-AZZJONI STIMATORJA U X-XERREJ MA’ JISTAX MINFLOK JSEJJES IL-KAWŻA TIEGĦU FUQ IR-REXISSJONI TAL-KUNTRATT MINĦABBA VIZZJU TAL-KUNSENS – L-ALLEGAZZJONI TA’ DIFETTI MOĦBIJA FIL-ĦAĠA MIXTRIJA MA’ TISTAX TITRESSAQ BĦALA EĊĊEZZJONI IŻDA TRID TINFETAĦ KAWŻA AD-HOC – L-EFFETT TAL-KUNDIZZJONI RIŻOLUTTIVA F’KUNTRATTI – KAP. 16, ART. 1067 – DRITT LI L-KREDITUR JITLOB LI TIĠI EŻEGWITA L-OBBLIGAZZJONI MINFLOK IR-REXISSJONI TAL-KUNTRATT– KAP. 16, ART. 1069(1) – IX-XOLJIMENT TA’ KUNTRATT GĦANDU DEJJEM JIĠI PPRONUNZJAT MILL-QORTI ANKE JEKK DAN IKUN ESPRESSAMENT PATTWIT IPSO JURE FIL-FTEHIM)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**4 ta’ April 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta’ No Deposit Cars Malta Limited (“ir-rikorrenti” jew “il-kumpanija rikorrenti”) ippreżentat fil-11 ta’ Ottubru 2019 li permezz tiegħu talab lil Braydon Pace (“l-intimat”) jgħid għaliex m’għandux ikun ikkundannat mill-Qorti li jħallasha l-ammont ta’ €11,210, oltre l-imgħaxijiet legali, rappreżentanti l-ħlas ta’ bilanċ dovut fuq il-prezz ta’ vettura “Suzuki Swift” bin-numru ta’ reġistrazzjoni JBX 649, liema vettura ġie akkwistata mill-intimat permezz ta’ kuntratt *“hire and purchase”* iffirmat bejn il-partijiet

datat 8 ta' Marzu 2019, bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1935/2019 ppreżentat kontestwalment,[1]

wara li rat ir-risposta tal-intimat ippreżentata fil-21 ta' Novembru 2019[2] li permezz tagħha *inter alia* rrisponda kif ġej:

- *"preliminarjament ... l-ftehim bejn il-partijiet, datat 8 ta' Marzu, 2019 huwa null u bla effett stante li l-esponenti ma jifhimx il-lingwa Ingliża, u inoltre, l-istess ftehim ma ġiex spjegat lilu;*

- *Illi l-imsemmi ftehim ... jikkontjeni klawżoli, li diversi drabi ġew ritenuti mil-Qrati, bħala mhux konformi mal-liġijiet, fosthom klawsola 7.2, fejn a bażi tal-istess klawsola, ir-rikorrenti illegalment ġabru l-vettura mertu tal-kawża de quo, u neħħew il-pussess u godiment tal-istess vettura mill-esponenti;*

- *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-vettura in kwistjoni kellha diversi difetti latenti, kif taf ben tajjeb is-soċjetà rikorrenti u għaldaqstant, il-kunsens tal-esponent kien ibbażat fuq kunsiderazzjonijiet żbaljati. lnoltre, il-valur indikat ma jirrappreżentax il-valur tal-vettura per se biss;*

- *Illi fi kwalunkwe każ, jinkombi fuq ir-rikorrenti jressaq il-provi sabiex jiġġustifika l-ammont tat-talba tiegħu;*

- *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba tas-soċjetà rikorrenti hija infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandha tiġi miċħuda ...;*

  *Bl-ispejjeż ..."*

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanzi tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha preżentati inklużi l-*affidavits* ippreżentati mill-partijiet,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Ryan Bezzina,
- tal-intimat, mill-Avukat Dr. Jean Carl Abela

qed tagħti din is-

---

[1] Fol 1
[2] Fol 8

## Sentenza

### Retroxena

1. Fit-8 ta' Marzu 2019 il-partijiet laħqu ftehim li permezz tiegħu *inter alia* l-intimat akkwista mingħand il-kumpanija rikorrent taħt titolu ta' *hire purchase* vettura tal-għamla "Suzuki Swift" bin-numru ta' reġistrazzjoni JBX 649 għall-prezz ta' €11,400 pagabbli f'pagamenti mensili u ugwali ta' €190 kull wieħed kull tmien ġurnata tax-xahar. Inħarġu ukoll sett ta' kambjali li jkopru dawn il-pagamenti mensili. L-intimat għamel l-ewwel pagament ta' €190 dakinhar tal-kuntratt.

2. Xi ftit żmien wara l-intimat mar lura fis-*showroom* tar-rikorrenti bil-ħsieb li jbiddel il-vettura ma' waħda oħra. Skond il-ħaddiema tar-rikorrenti dan ġara sempliċiment għax l-intimat kien biddel ħsiebu dwar il-vettura li xtaq. Skond l-intimat però huwa kien mar hemm għaliex wara biss jumejn il-vettura bdiet ittih indikazzjonijiet li kellha xi ħsarat. Huwa ried vettura oħra tal-għamla Toyota Vitz. Skond il-ħaddiema tar-rikorrenti huma ma' setgħux jaċċettaw din il-proposta. Skond l-intimat dawn aċċettaw li jsir it-tpartit basta jżid €800 oħra. Huwa aċċetta u ħallas dan l-ammont b'dan li l-kumpanija rikorrenti kellha tirranġa l-*windscreen* tal-vettura (li kien imkisser) qabel ma' kellha ssir il-konsenja tagħha. Wara ftit ġimgħat huwa kien ċempel lill-kumpanija sabiex jindaga jekk il-vettura kienetx lesta iżda ġie infurmat illi din kienet inbiegħet u li hu kellu jibqa' jħallas il-pagamenti miftehma.

3. Skond ir-rikorrenti l-intimat baqa' ma' għamel l-ebda pagament oltre l-ammont ta' €190 imħallas fil-ġurnata li ġie ffirmat il-kuntratt. Kien għalhekk li diriġenti tagħha ppruvaw jagħmlu kuntatt miegħu diversi drabi biex ifakkruh fil-ħlas sakemm fl-aħħar ftehmu miegħu li jmorru jiġbru l-vettura mingħandu u filfatt il-vettura inġabret lura u rritornat fil-pussess tar-rikorrenti. Skond l-intimat għalkemm huwa veru illi l-vettura nġabret mingħandu bil-kunsens tiegħu, madanakollu dan ġara għaliex il-ħaddiema li marru biex jiġbruha qalulu illi malli jsir hekk il-kuntratt jiġi xolt u ma' jeħel xejn iżjed. Filfatt skond l-intimat wieħed mir-rappreżentanti tal-kumpanija sa anke qatta l-kambjali quddiemu biex jurih li kollox ġie mitmum. Id-diriġenti tar-rikorrenti jiċħdu li huma qattaw il-kambjali.

4. Ir-rikorrenti tgħid illi skopriet li l-vettura kellha diversi ħsarat fil-*bumper* u fil-*bonnett* liema ħsarat saru meta din kienet fil-pussess tal-intimat. Għalhekk kellha bżonn *respraying.* Il-vettura għadha fil-pussess tagħha sal-ġurnata tal-lum u l-bilanċ dovut mill-intimat huwa dak ta' €11,210. Ir-rikorrenti pproċediet b'din il-kawża sabiex tirkupra dan l-ammont.

**L-ewwel eċċezzjoni: nullità tal-ftehim stante illi dan kien bl-Ingliż u ma' ġiex spjegat lilu**

5. L-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimat hija dik illi l-ftehim datat 8 ta' Marzu 2019 huwa null u bla effett stante li hu ma jifhimx il-lingwa Ingliża, u inoltre, l-istess ftehim ma ġiex spjegat lilu.

6. Qabel xejn għal kull bwon fini jiġi rilevat illi għalkemm il-kopja tal-iskrittura li ġiet annessa mar-rikors promotur tidher li ġiet iffirmata biss mill-intimat, fl-ebda stadju ma' ġie kkontestat li l-ftehim in kwistjoni ġie effettivament milħuq u konkluż bejn il-partijiet.

7. Skond ma' xehed **Luke Milton**[3], *Manager* tal-kumpanija rikorrenti fl-affidavit tiegħu, l-intimat kien mar is-*showroom* tar-rikorrenti fit-8 ta' Marzu 2019 u għażel il-vettura in kwistjoni. Flimkien ma' ħaddiema oħra tal-kumpanija rikorrenti (fosthom Thorne Mangion) huwa spjega lill-intimat il-modalitajiet tal-akkwist u ftehmu fuq il-prezz u fuq kif għandu jsir il-ħlas. Milton jgħid illi t-termini u kundizzjonijiet tal-kuntratt ġew spjegati bir-reqqa lill-intimat u li dan kien ħallas l-ewwel pagament ta' mija u disgħin euro (€190) dakinhar stess li ġie ffirmat il-ftehim. In kontroeżami Milton spjega illi l-intimat kien qallu li kien hemm xi kliem bl-Ingliż fil-kuntratt li ma' kienx qed jifhmu u għalhekk huwa ħa ħsieb li jaqrahulu u jispegahulu sew.

8. **Thorne Mangion** kkonferma fl-affidavit tiegħu[4] illi t-termini tal-kuntratt kienu ġew spjegati fid-dettall lill-intimat u li hu personalment assista billi mela d-dettalji tiegħu fuq l-istess kuntratt.

9. L-intimat **Braydon Pace** fl-affidavit tiegħu[5] jgħid li aċċetta t-termini tal-kuntratt u li dakinhar stess kien għamel l-ewwel pagament. In kontroeżami kkonferma illi l-kuntratt kien ġie spjegat lilu qabel ma' ffirmah.[6]

10. Mill-provi jirriżulta ċar għalhekk illi din l-eċċezzjoni ma' treġix u għandha mill-fieragħ. Inoltre jrid jingħad illi n-nullita sollevata mill-intimat ma' tinkwadrax ruħha f'xi disposizzjoni partikulari tal-liġi. Li jfisser dan minimament illi anke li kieku l-

[3] Fol 24-53
[4] Fol 54-55
[5] Fol 87-93
[6] Fol 98

intimat jrid jinsisti fuqha, eċċezzjoni bħal din ma' tistax titressaq *per via d'eccezione* iżda trid titressaq f'azzjoni separata *ad-hoc* u dan skond kif jipprovdi l-Artikolu 1226(1) tal-Kodiċi Ċivili:

**'1226. (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tista', f'kull żmien, tiġi mogħtija minn dak li jkun imħarrek għall-esekuzzjoni tal-kuntratt, fil-każijiet kollha li fihom huwa nnifsu seta' jaġixxi għar-rexxissjoni.'**

Din id-disposizzjoni tal-liġi ġiet interpretata diversi drabi mill-Qrati tagħna[7] bħala li tfisser illi l-eċċezzjoni ta' nullità tista titressaq fin-nota tal-eċċezzjonijiet meta din tkun nullità kontemplata espressament fil-liġi u mhux f'każijiet oħra fejn il-kuntratt jista' jiġi mod ieħor attakkat. Per eżempju n- nullità abbażi ta' xi wieħed mill-vizzji tal-kunsens elenkati fl-istess Kap. 16 tista' titressaq *per via d'eccezione*, xi ħaġa li filfatt l-intimat qiegħed jittenta jagħmel f'din il-kawża permezz tat-tielet eċċezzjoni tiegħu.

11. Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tiġi miċħuda.

**<u>It-tieni eċċezzjoni: il-ftehim għandu klawżoli illegali</u>**

12. It-tieni eċċezzjoni mressqa hija dik illi l-ftehim "*jikkontjeni klawżoli, li diversi drabi ġew ritenuti mil-Qrati, bħala mhux konformi mal-liġijiet, fosthom klawsola 7.2, fejn a bażi tal-istess klawsola, ir-rikorrenti illegalment ġabru l-vettura mertu tal-kawża de quo, u neħħew il-pussess u godiment tal-istess vettura mill-esponenti*".

13. Ta' min jgħid illi tul il-perkors tal-kawża ma' tressqu l-ebda provi jew sottomissjonijiet dwar liema klawżoli l-intimat qed jirritjeni li huma llegali, għajr għall-klawsola 7.2 msemmija fl-istess eċċezzjoni. Il-Qorti m'hijiex mistennija li toqgħod tanalizza kuntratt kelma b'kelma sabiex tara jekk hemmx xi klawżoli li huma lleċiti salv ovvjament jekk jirriżultalha li hemm xi klawżoli li huma pależement kontra l-liġi fejn imbagħad addirritura tkun obbligata li hi stess tqajjem in-nullità *ex-officio* billi din tkun ta' ordni pubblika. Anke però fejn jistgħu jirriżultaw xi klawżoli li jmorru kontra l-liġi, dawn ma' jġibux awtomatikament in-nullità tal-ftehim sħiħ iżda jekk xejn tali klawżoli jitqiesu bħala bla effett mingħajr ma' jinċidu

[7] Ara fost oħrajn **<u>Alfred Scicluna noe v. Citadel Insurance p.l.c.</u>** (27/06/2008, Qorti tal-Appell Superjuri, Ċit 543/2004/1) u **<u>Island Farmhouses Limited vs Michelina Xerri pro et noe</u>** (08/01/2010, Qorti tal-Appell Superjuri, Ċit 69/2004/1)

fuq il-klawżoli l-oħra li huma regolari u skond il-liġi. F'dan ir-rigward ingħad mill-Qrati tagħna illi:

"*l-istabilita' tal-kuntratti hija waħda mill-presupposti tal-konvivenza soċjali, u għalhekk il-liġi tirrikonoxxi l-liberta' tal-kuntratti u tagħti lill-kontraenti kwalunkwe faċilita' biex jaraw l-affarijiet tagħhom sew qabel ma jingħaqdu fil-ftehim. Huwa biss fejn ikun pruvat li l-kuntratt huwa effett ta' żball ta' fatt invinċibbli fl-akkwirent, jew ta' għemil doluż, gravi u determinanti pratikant mit-trasferent, li l-liġi tagħti r-rimedju tar-rexissjoni ta' l-att, u l-oneru ta' dik il-prova huwa mixħut għal kollox fuq spallejn l-atturi*"[8]

14. L-intimat jirreferi għall-klawżola numru 7.2 bħala waħda li hija illegali. Din il-klawżola taqra kif ġej:

*"The Hirer irrevocably authorises the Owner to retrieve the physical possession of the. Motor Vehicle and to do all that is necessary to change the registration of the Motor Vehicle onto the name of the owner if the Hirer does not comply with the request to return possession of the Motor Vehicle to the Owner within five (5) calendar days"*

15. Din il-klawżola tirreferi għal rimedju disponibbli skond il-kuntratt lir-rikorrenti f'każ illi l-akkwirent jitlef il-benefiċċju taż-żmien u ma' jħallasx il-bilanċ sħiħ entro tletin ġurnata, f'liema każ il-kuntratt jiġi xolt *ipso jure* u l-kumpanija jkollha d-dritt titlob lura l-vettura. F'każ li l-vettura ma' tiġix irritornata mill-akkwirent fi żmien ħamest ijiem, il-klawżola msemmija tagħti l-fakolta lill-kumpanija sabiex hija stess tirriprendi l-pussess tal-vettura mill-akkwirent.

16. L-intimat probabbilment kellu f'moħħu klawżola simili ossia dik li ġieli tkun preżenti f'kuntratti ta' kirja fejn l-inkwilin jagħti l-kunsens minn qabel lis-sid sabiex f''każ li tavvera ruħha xi kundizzjoni li ġġib magħha x-xoljiment tal-kirja is-sid ikun intitolat jieħu lura fiżikament l-pussess tal-fond billi jbiddel iċ-ċwievet tal-fond. Huwa minnu li klawżola ta' din ix-xorta ġiet meqjusa mill-Qrati tagħna bħala li m'għandiex effett peress li l-liġi trid illi r-reintegrazzjoni tal-pussess ssir biss taħt l-awtorità tal-Qorti. Hekk pereżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Trevor Arends et v.**

[8] **Schembri et v. Azzopardi et** (09/02/1965, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, Kollez. Vol: XLIX.ii.726)

**<u>Veronica sive Veronique Mizzi</u>** (10/10/2011, Rik. 945/2008 JA) ingħad hekk mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili:

*"Illi f'din il-kawża il-konvenuta ma tistgħax tiddefendi ruħha lanqas billi tgħid li skond l-iskrittura hija setgħet tirriprendi l-pussess għaliex saret taf li l-fond gie mgħoddi lil terzi. L-ewwelnett il-provi li kellha ma huma xejn ħlief persuni li qalu li raw terzi fil-fond. Barra minn hekk ebda artikolu f'kuntratt ma jista' jagħti poter lil xi parti li minn jeddha tieħu l-liġi b'idejha. Propju dak li l-istitut tal-actio spolii jrid jarġina."*

17. Madanakollu f'din il-kawża jirriżulta mill-provi illi l-intimat volontarjament għadda ċ-ċwievet tal-vettura lill-ħaddiema tal-kumpanija rikorrenti meta dawn marru għandu biex jiġbruha. Filfatt fl-affidavit tiegħu l-intimat Braydon Pace xehed illi meta l-ħaddiema infurmawh illi l-kuntratt kien qiegħed jiġi terminat dak il-ħin stess huwa qabad u għaddielhom ċ-ċwievet tal-vettura.[9] Issa huwa vera illi l-intimat jista' jargumenta illi l-kunsens tiegħu ttieħed minnu b'ingann jew li ingħata bi żball iżda li huwa rilevanti f'dan il-kuntest huwa illi l-vettura ma' ġietx meħuda mill-pussess tal-intimat bi vjolenza jew b'xi att spoljattiv. Inoltre, u forsi iktar ta' rilevanza, il-kumpanija rikorrenti intavolat din il-kawża għall-ħlas tal-bilanċ abbażi ta' klawżola oħra tal-ftehim (ċioe dik illi l-akkwirent jitlef il-benefiċċju taż-żmien u jkun obbligat iħallas il-bilanċ sħiħ fi żmien tletin ġurnata) u mhux qed tiġi invokata l-klawżola kuntestata mill-intimat.

18. Għalhekk il-Qorti ma' tarax li din l-eċċezzjoni għandha mertu u ser tgħaddi ukoll biex tiċħadha.

**<u>It-tielet eċċezzjoni: il-vettura kienet afflitta minn difetti latenti u għalhekk il-kunsens tal-intimat kien ivvizzjat. Il-valur indikat ma' jirrappreżentax il-valur tal-vettura biss.</u>**

19. L-intimat eċepixxa ukoll illi "*l-vettura in kwistjoni kellha diversi difetti latenti, kif taf ben tajjeb is-soċjetà rikorrenti u għaldaqstant, il-kunsens tal-esponent kien ibbażat fuq kunsiderazzjonijiet żbaljati. lnoltre, il-valur indikat ma jirrappreżentax il-valur tal-vettura per se biss*"

20. Il-Qorti qabel xejn tissottolineja illi kif ġa ntqal iżjed 'l fuq huwa permess ai termini tal-Art. 1226(1) tal-Kap. 16 illi kuntratt li jkun qiegħed jiġi eżegwit permezz ta'

[9] Fol 88

kawża jiġi attakkat minħabba xi allegat vizzju tal-kunsens billi tingħata eċċezzjoni f'dan is-sens. L-intimat qed jgħid illi l-kunsens tiegħu għax-xiri tal-vettura kien ivvizjat minħabba li rriżulta illi din kellha difetti moħbija.

21. Wieħed mir-rekwiżiti għall-validità tal-kuntratti huwa l-*idem placitum consensus* u ċioe' il-fusjoni tal-kunsens tal-kontraenti kollha, essenzjali għall-ħolqien tal-vinkolu kontrattwali validu. Għalhekk **'jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b' egħmil doluż ma jkunx jiswa'** (Kap. 16, Art. 974). L-iżball dwar il-fatt inoltre jrid ikun wieħed li jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim (Kap. 16, Art. 976(1)).

22. Minn kif ġiet arġinata l-eċċezzjoni, jidher ċar però illi l-qofol tagħha mhuwiex il-kunsens allegatament ivvizjat tal-intimat għax-xiri tal-vettura iżda d-difetti moħbija li allegatament kienet afflitta bihom il-vettura.

23. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna kienet pjuttost konsistenti fis-sens illi li *"f'kaz li jigu allegati difetti mohbija f'oggett mixtri, r-rimedji kontemplati fil-Kodici Civili huma biss dawk maghrufa bhala l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni estimatorja, u mhux lecitu li xerrej li ma jitlobx dawn ir-rimedji, jipprova johloq rimedju iehor"*[10] Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Brian Mangion et v. Mario Pulis et** (Ċit Nru 537/2004 TM, 20/10/2005) il-Prim' Awla sostniet illi *"L-azzjoni attrici, f'dan il-kaz, hija msejsa fuq il-kawzali tad-difetti mohbi, u kwindi kellhom jagixxu billi jinvokaw r-rimedji partikolari li taghti l-ligi fl-artikoli 1427, li jezula mill-principji generali tal-kuntratt tal-bejgh, u li jeskludi kull rimedju iehor li jista' jintalab."* Fis-sentenza fl-ismijiet **Ignazio Gatt noe v. Zakkarija Calleja** (App Ċiv 319/07, 30/04/2019) fejn l-allegat vizzju tal-kunsens kien wieħed ta' qerq ingħad illi *"huwa stabbilit li kawża għal tħassir ta' kuntratt (ta' xiri-u-bejgħ) minħabba vizzju tal-kunsens jew fil-ħaġa mibjugħa, jew minħabba qerq jew frodi (art. 1212, 1424, jew 1440 tal-Kap. 16) hija msejsa fuq basi għal kollox differenti minn kawża mnissla minn bejgħ ta' ħaġa li jingħad li ma tkunx tal-kwalità miftehma (art. 1390 tal-Kap 16) [jew li tkun milquta minn difetti mistura (artikoli 1424 u 1427 tal-Kapitolu 16)]. Dan jidher mhux biss mir-rimedju differenti mogħti mil-liġi fil-każ il-wieħed u l-ieħor, iżda, wisq iżjed sinjifikativament, mill-għamla u l-grad ta' provi meħtieġa biex wieħed isostni l-azzjoni l-waħda jew l-oħra."*

---

[10] **L'Onda Limited v. Ocean Way Co. Ltd** (App Ċiv 1902/1999, 27/02/2009)

24. Is-sentenzi ċitati jirreferu għal dawk ir-rimedji li huma disponibbli (ossia l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni stimatorja) lix-xerrej *per via di azione* li jallega li l-ħaġa mixtrija hija milquta minn difetti moħbija. Fil-każ *de quo*, li jitratta kuntratt ta' kompro-vendita (fejn il-bejgħ huwa però kundizzjonat bil-*pactum reservati dominii*), l-intimat qiegħed jittenta jevita milli jħallas il-bilanċ tal-prezz billi jissoleva li l-ħaġa mixtrija kienet afflitta b'difetti moħbija. F'dan ir-rigward jingħad illi hija ukoll ġurisprudenza kostanti illi l-allegati difetti moħbija f`oġġett mertu ta`bejgħ ma jistgħux jiġu sollevati *per via di eccezione*. Fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Grech v. Michael Abela** (App. 629/1996/1, 05/10/2001) il-Qorti tal-Appell Superjuri qalet hekk:

*"Jinghad li skond il-gurisprudenza tal-Qrati Taghna l-konvenut ma jistax jaghmel dak li ghamel f`din l-istanza. Infatti, gie ripetutament deciz li jekk il-persuna li jkollha favur taghha t-terminu ta` dekadenza ma tkunx ezercitat l-azzjoni appozita a bazi tal-garanzija fit-terminu ta` dekadenza, allura, dik il-persuna ma tistax teccepixxi d-difett favur taghha. Qalet l-Onorabbli Qorti ta l-Appell fis-sentenza taghha "Neg. Charles Darmanin noe vs Giuseppe Baldacchino" (Vol. XXX.1.639) : Illi, fuq din il-kwistjoni, kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti, l-azzjoni redibitorja ghandha generalment tiġi ezercitata permezz ta` azzjoni, u wara li jkun ghadda zzmien ta` xahar stabbilit mil-ligi, ma tistax tigi moghtija lanqas permezz ta eccezzjoni, peress illi z-zmien ta xahar stabbilit fl-artikolu 1145 (illum 1431) huwa zmien ta dekadenza. F`din is-sentenza, kif ukoll f`sentenzi ohra tal-istess Onorabbli Qorti (Pizzuto vs Refalo, Vol.XX.1.316; Ruggier vs German, XXX.1.377 u Arrigo vs Falzon, Vol. XXX11.1.508) gie ritenut li dan it-terminu huwa terminu di rigore u intqal ukoll illi l-gurisprudenza, tant lokali kemm estera, qatt ma ddubitat illi fil-kaz ta l-azzjoni redibitorja kontemplata fl-Artikolu 1145 tal-Kodici Civili, hemm terminu ta` dekadenza, u mhux ta` preskrizzjoni vera u proprija, ghalkemm il-legislatur juza l-espressjoni ta` preskrizzjoni.F`sentenza, imbaghad, ferm elaborata u studjata talOnorabbli Qorti tal-Kummerc "Emmanuele Camilleri noe vs Anthony Calascione noe" (Vol. XXXV111.11.723) intqal dan : Meta d-dritt ghall-proposizzjoni tar-redibitorja jew talestimatorja permezz ta azzjoni jkun spicca bid-dekors taz-zmien, la r- redibitorja u lanqas il-"quanti minoris" ma tkun tista` tigi mill- kompratur opposta "in via d`eccezzione", ghaliex in-nota massima "temporalia ad agendum perpetua ad excipiendum" mhux applikabbli in tema ta` dekadenza" (ara wkoll App. Civ. Cilia La Corte vs Galea, Vol.XX.1.280; P.A. Farrugia vs Azzopardi, XV1.111.75; Von Hare vs Caruana, Vol. X11.640; Colombo vs Pace, Vol. XV11.111.75; Ragonesi vs Misrahi, Vol. XXV111.111.1023, Colgnhour vs Butler, dec.*

*10.12.51; u Kum. Brown vs Gelfo, 6.02.36; George Peresso noe vs Victor Calleja noe, dec. 19.06.95).”*

25. Għalhekk peress illi din l-eċċezzjoni hija legalment insostenibbli l-Qorti m'għandiex għalfejn tidħol fil-mertu tagħha. Ċio nonostante il-Qorti trid tissottolineja illi mill-provi ma' jistax jitqies illi l-intimat irnexxielu jipprova illi l-vettura akkwistata minnu kienet tabilħaqq afflitta minn difetti moħbija fiż-żmien tal-bejgħ tagħha. Fl-affidavit tiegħu, l-intimat **Braydon Pace** xehed illi:

*“Madwar jumejn wara Ii xtrajt il-vettura, id-dashboard tal-vettura beda jixgħel u jimmarka numru ta' affarijiet, fosthom ii-breaks. Dan tani x'nifhem li l-vettura ma kienitx qeda fi stat tajjeb. Urejt il-vettura Iii xi membri tal-familja tiegħi Ii jifhmu fil-karozzi. lz-ziju u nannu tiegni, Ii wkoll ibiegħu l-vetturi, qaluli Ii il-bozoz Ii bdew jixgħelu kienu qed jimmarkaw il-ħsarat li kellha l-karozza”*[11]

Iz-ziju tiegħu **Carmel Pace** illi jbiegħ vetturi *second-hand* xehed fl-affidavit tiegħu illi:

*“din il-vettura kellha xi problemi mekkanici u infatti, id-dashboard kien qed jixgħel u juri I-problemi Ii kellha l-vettura”*[12]

X'problemi mekkaniċi kellha l-vettura madanakollu la l-intimat u lanqas ix-xhieda tiegħu ma' setgħu jidentifikaw. L-unika indikazzjoni filfatt li l-vettura kellha xi ħaġa ma' kienetx daqstant il-*performance* tagħha iżda kienet il-fatt illi kienu qegħdin jixgħelu xi bozoz. Il-kumpanija rikorrenti min-naħa tagħha sostniet illi l-vettura kienet ġie spezzjonata qabel ma' din ġiet mixtrija minnha xi xahrejn qabel. Huwa minnu illi x-xhud tar-rikorrenti, ċertu **Konrad Bezzina**, li jaħdem għal rasu u huwa indipendenti minnha, deher li kkontradixxa lilu nnifsu meta filli qal fl-affidavit tiegħu illi huwa kien spezzjona l-vettura fl-intier tagħha f'Jannar 2019 (ċioe meta l-vettura kienet ser tinxtara mill-kumpanija rikorrenti) u saba' li ma' kienetx milquta minn xi difett mekkaniku jew kosmetiku[13] u imbagħad fil-kontroeżami[14] qal illi f'Jannar 2019 kienu ġabulu l-karozza bid-daqqiet biex jirranġaha. Il-Qorti però wara

[11] Fol 87
[12] Fol 94
[13] Fol 61
[14] Fol 81-83

li fliet ix-xhieda tiegħu u partikolarment il-komportament tiegħu fuq il-pedana hija sodisfatta li din il-kontradizzjoni kienet iżjed dovuta għall-fatt illi x-xhud kien nesa s-sekwenza ta’ kif ġraw l-affarijiet milli għal xi raġuni oħra li tolqot il-kredibilta tiegħu. Filfatt fl-affidavit tiegħu l-istess xhud aċċenna għall-fatt illi l-vettura kienet inġiebet għandu t-tieni darba bejn ix-xhur ta' Lulju u Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019), ossia’ meta din kienet diġa inġabret mill-intimat, meta dakinhar il-vettura kienet ġiet bid-daqqiet u huwa kellu jagħmillha xogħol ta’ *spraying*. Il-Qorti hija tal-fehma illi anke li kieku kien permissibbli għaliha li  tqis l-eċċezzjoni tal-intimat, dan tal-aħħar ma’ rnexxielu bl-ebda mod jipprova li fil-mument tal-akkwist il-vettura kienet milquta minn xi difett, wisq inqas xi difett tant gravi illi kien jagħmilha mhux tajba għall-użu tagħha (jew li kien inaqqas il-valur tagħha b’mod li l-intimat ma’ kienx jixtriha jew kien joffri prezz ridott).

26. Inoltre l-Qorti tagħmel riferenza ukoll għall-klawżola 5.3 tal-kuntratt fejn fiha hemm indikat illi l-kumpanija kienet qegħda espressament teżonera ruħha minn xi responsabiltà’ fir-rigward ta’ difetti moħbija u filfatt kienet qegħda teskludi “*any responsibility or warranty for latenty defects, whether mechanical, electrical or otherwise, existing at the time of and following the date of this agreement”.*  Din hija permissibbli li ssir mill-liġi tagħna stess, vide Kap. 16 Art. 1426, u għalhekk l-intimat kien ikollu ostaklu ieħor li jeħtieġlu jegħleb f’din il-kawża li kieku b’xi mod irnexxielu jipprova l-eżistenza ta’ xi difetti moħbija fil-vettura.

27. F’din l-eċċezzjoni l-intimat għoġbu ideffes ukoll eċċezzjoni oħra separata fis-sens illi *“l-valur indikat ma’ jirrappreżentax il-valur tal-vettura biss”*. Mill-ġdid il-Qorti tara li l-intimat ma’ ressaq l-ebda prova f’dan ir-rigward (bħal per eżempju kemm kien il-valur tas-suq tal-vettura) apparti mill-fatt illi m’huwa xejn ċar jekk l-intimat huwiex qiegħed jallega xi kawża lleċita jew falza jew inkella huwiex jallega xi vizzju ieħor tal-kunsens.

28. Din it-tielet eċċezzjoni (inkluż l-eċċezzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti) sejra għalhekk tiġi respinta *in toto*.

**<u>Ir-raba’ eċċezzjoni: jinkombi fuq ir-rikorrenti jressaq il-provi sabiex jiġġustifika l-ammont tat-talba tiegħu</u>**

29. Ir-raba’ eċċezzjoni tal-intimat hija fis-sens illi r-rikorrenti trid tressaq il-provi dwar it-talba tagħha.

30. Mill-provi prodotti l-Qorti tara li l-bejgħ tal-vettura ġie perfezzjonat ai termini tal-liġi, fis-sens illi kien hemm ftehim bejn il-partijiet fuq il-ħaġa u fuq il-prezz[15]. Naturalment stante illi dan huwa kuntratt ta' *hire-purchase,* il-bejgħ ġie suġġett għall-*pactum reservati dominii*. Ċio nonostante il-bejgħ xorta waħda ġie finalizzat fid-data tal-ftehim. Dan japplika minkejja illi l-partijiet fil-kuntratt użaw it-termini "*Owner*" u "*Hirer*" biex jiddeskrivu lilhom nfushom.

31. Ġie ppruvat ukoll sal-grad rikjest mill-liġi illi r-rikorrenti tħallset is-somma ta' €190 dakinhar tal-kuntratt u li l-intimat ma' għamilx pagamenti oħra. L-intimat sostna illi huwa ħallas ukoll €800 oħra meta skond hu r-rikorrenti aċċettat illi tpartatlu l-vettura mixtrija minnu ma' vettura oħra, tal-għamla Toyota Vitz. Ir-rikorrenti tiċħad li kien hemm xi ftehim f'dan is-sens u li sar dan il-ħlas. Iżjed minn hekk l-intimat naqas milli b'xi mod jipprova li wettaq dan il-ħlas. Fin-nuqqas ta' tali prova l-Qorti taqbel illi l-bilanċ dovut huwa dak mitlub fir-rikors promotur, ossia €11,210.

32. Skond klawsola 7 tal-kuntratt:

*'7. DEFAULT, TERMINATION AND WITHDRAWAL*

*1. Without prejudice to any rights that the Owner may have according to law, the parties agree that in case of:*

*1.*(sic!) *Default in the punctual payment of any one (1) instalment by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to effect payment;*

*2. a breach of any condition of this agreement by the Hirer:*

*the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses.*

*2.* (sic!) *The parties further agree that if the Hirer does not affect full and immediate payment in accordance with clause 7.1 within thirty (30) days, which shall run from the day the Owner calls upon the Hirer to affect such payment, this agreement shall be terminated ipso jure and the Owner shall be entitled to request the Hirer, who shall*

[15] Kap. 16, Art. 1347

*comply therewith, to restore immediate possession of the Motor Vehicle to the Owner, without prejudice to any claim for damages, saving wear and tear consistent with the period of use. Furthermore the Owner shall be entitled to claim the difference between the outstanding balance due by the Hirer in terms of this agreement and the Price of the Motor Vehicle as resold after possession is restored in terms of this sub-clause, without prejudice to any charges, fees and interest accrued.'*

33. Meta l-intimat waqaf jagħmel il-pagamenti mensili, huwa għalhekk tilef il-benefiċċju taż-żmien u l-kumpanija rikorrenti , kif kellha kull dritt tagħmel, talbitu jħallas il-bilanċ sħiħ. Meta l-intimat baqa' ma' ħallasx, avverat ruħha kundizzjoni riżoluttiva espressa fis-sens illi l-kuntratt ġie itterminat *ipso jure* u għalhekk skatta d-dritt tar-rikorrenti li titlob ukoll il-pussess lura tal-vettura mingħand l-intimat. Inoltre r-rikorrenti ġiet intitolata ukoll (**iżda mhux obbligata**) li tbiegħ il-vettura u titlob id-differenza fir-rikavat mingħand l-intimat. Mill-provi rriżulta però illi l-vettura baqgħet ma' nbiegħetx u għada fil-pussess tal-kumpanija rikorrenti.

34. Il-kundizzjoni riżoluttiva espressa hija regolata mill-Artikoli 1066 *et. seq.* tal-Kodiċi Ċivili. Ai termini tal-Art. 1067 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

**'1067. Jekk il-kondizzjoni riżoluttiva hija espressa fil-kuntratt, dan il-kuntratt, meta l-kondizzjoni sseħħ, jinħall ipso jure, u l-qorti ma tista' tagħti ebda żmien lill-konvenut.'**

35. L-effett tal-avveriment tal-kundizzjoni riżoluttiva **<u>salv għal dak li ser jintqal fil-paragrafu sussegwenti</u>** hija ukoll illi tpoġġi lill-partijiet fl-istess stat li kienu qabel ma' daħlu għall-ftehim (*status quo ante*) u dan ifisser illi ukoll illi l-prinċipju huwa li l-prezz imħallas jiġi rifuż lura filwaqt li l-oġġett mibjugħ, ossia' l-vettura, tirritorna lura lill-bejjiegħ. F'dan ir-rigward l-Art. 1066 tal-Kap. 16 jiddisponi kif ġej:

**'1066. (1) Il-kondizzjoni riżoluttiva hija dik illi, meta sseħħ, tħoll l-obbligazzjoni, u terga' tqiegħed il-ħwejjeġ fl-istess stat bħal kieku l-obbligazzjoni ma kienet ġiet qatt magħmula.**

**(2) Din il-kondizzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, iżda, jekk il-ġrajja maħsuba fil-kondizzjoni tiġri, il-kreditur ikun obbligat irodd dak li jkun irċieva.'**

36. Madanakollu ai termini tal-Artikolu 1069 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

**'1069. (1) Meta l-kondizzjoni riżoluttiva, sew dik magħmula espressament kemm dik li titqies bħala magħmula, tkun għall-każ li fih waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet esegwita, tista' tagħżel, jekk il-kondizzjoni sseħħ, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt, <u>jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibli.</u>**

**(2) Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-konvenut jista' jiġi kkundannat għall-ħlas tad-danni.'**

37. Għalhekk ġaladarba l-kundizzjoni riżoluttiva f'dan il-każ hija marbuta man-nuqqas tal-intimat li jeffettwa l-ħlas tal-bilanċ, r-rikorrenti bħala l-bejjiegħ kellha kull dritt, kif filfatt qed tagħmel f'din il-kawża, illi **<u>mhux titlob ix-xoljiment tal-kuntratt</u>** iżda li ġġiegħel lill-intimat jeżegwixxi l-obbligazzjoni li kellu jwettaq – ċioe l-ħlas lilha tal-bilanċ. Dan japplika ukoll nonostante li fil-ftehim innifsu hemm indikat illi l-kuntratt jiġi rexiss *ipso jure* f'każ tal-inadempjenza tax-xerrej. Huwa minnu illi l-intimat qed jallega illi huwa għadda lura l-pussess tal-vettura lir-rikorrenti għaliex kien ġie infurmat illi l-kuntratt kien qed jiġi terminat. Madanakollu x-xoljiment *ipso jure* xorta waħda jeħtieġ l-aċċertament ġudizzjarju tal-Qorti u f'din il-kawża r-rikorrenti m'hijiex qed titlob ix-xoljiment tal-kuntratt.

38. F'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Lomags Limited v. George u Carmen Muscat</u>** (App. Sup. 1459/2002/1, 28/03/2014) il-Qorti tal-Appell Superjuri qalet hekk:

*"Jinsab ritenut fil-gurisprudenza, li hi regola generali li fil-kuntratti bilaterali l-inadempjenza kuntrattwali ma twassalx ghat-terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt, lanqas meta x-xoljiment ipso jure jkun espressament pattwit fl-istess ftehim, u sakemm ma jkunx hemm il-fuzjoni tal-kunsens taz-zewg partijiet ghat-terminazzjoni tal-kuntratt, **<u>ix-xoljiment ghandu dejjem jiġi ppronunzjat mill-Qorti</u>** (sottolinear u emfasi miżjuda). Il-fatt li t-terminazzjoni tal-kuntratt minhabba inadempjenza ta' xi parti tkun espressament pattwita ifisser biss li l-Qorti ma tistax taghti lill-parti*

*inadempjenti zmien sabiex tissodisfa l-mora, imma hija marbuta li tiddikjara x-xoljiment tal-kuntratt*[16]"

39. Il-Qorti hija ben konxja illi din il-Qorti diversement presjeduta u l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili interpretaw il-kuntratt in kwistjoni b'mod differenti f'kawżi oħra miftuħa mill-istess kumpanija rikorrenti kontra persuni oħra. Il-pożizzjonijiet diversi jistgħu jiġu sinteżizzati fis-segwenti:

    i. Dik illi talba għall-ħlas tal-bilanċ għandha tiġi miċħuda kemm il-darba r-rikorrenti tkun ħadet lura l-pussess tal-vettura (u ma' tkunx laħqet biegħet il-vettura lil terzi), u dan għaliex darba kun għamlet hekk il-kumpanija rikorrenti tkun trid l-ewwel tipproċedi bil-bejgħ bl-irkant tal-vettura taħt l-awtorita' tal-Qorti u wara tali rkant biss jkun jista' jiġi stabbilit il-bilanċ dovut mid-debitur. Dan l-insenjament insibuh per eżempju fis-sentenzi fl-ismijiet: **No Deposit Cars Malta Limited v. Seline Coleiro** (Qorti tal-Maġistrati, Rik. Nru. 223/2019 CG, 22/01/2021), **No Deposit Cars Malta Limited v. John Leonard Bellotti** (Qorti tal-Maġistrati, Rik. Nru. 268/2019 CG, 22/03/2021) u **No Deposit Cars Malta Limited v. Samantha Bray** (Qorti tal-Maġistrati, Rik. Nru. 145/2019 CG, 30/09/2021);

    ii. Dik illi talba għall-ħlas tal-bilanċ meta r-rikorrenti tkun ħadet lura l-pussess tal-vettura (u ma' tkunx laħqet biegħet il-vettura lil terzi) għandha tintlaqa' parzjalment fis-sens illi l-Qorti tordna il-bejgħ tal-vettura taħt l-awtorita' tagħha u tikkundanna lill-intimat jħallas d-differenza bejn is-somma mitluba u r-rikavat mill-bejgħ tal-vettura. Hekk għamlet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **No Deposit Cars Malta Limited v. Liviu Alexandru Maxim** (Qorti tal-Maġistrati, Rik. Nru. 226/2019 RM, 17/05/2021) u l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivil fis-sentenza fl-ismijiet **No Deposit Cars Malta Limited v. Kevin Alexander Rothig** (Qorti tal-Maġistrati, Rik. Nru. 26/2019 RGM, 31/10/2019).

[16] Ara fost ohrajn: **Pio Gauci v. Joseph Cutajar** (Qorti Kummerċjali, 23/04/1989), **St.Andrews Farm Co. Ltd. v. Sultana Henry** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 26/04/2003), **Carmel Cutajar v. Joseph Grech** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 10/06/1965) u **Mark Borda v. Rafel Muscat** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 23/05/1984)

40. Fir-rigward tal-ewwel posizzjoni, il-Qorti umilment tħoss illi skond il-ftehim in kwistjoni l-kumpanija rikorrenti hija **intitolata iżda mhux obbligata** illi tbiegħ il-vettura una volta din tieħu lura l-pussess tagħha.

41. Fir-rigward tat-tieni posizzjoni, il-Qorti tara illi l-bejgħ b'subbasta tal-vettura ma' jkun la fl-interess tar-rikorrenti tenut kont id-dewmien u l-proċedimenti mtawwla, u lanqas fl-interess tal-intimat illi jista' faċilment jġib prezz aħjar tal-vettura jekk din tinbiegħ fis-suq.

42. Kif ġa intqal, il-fatt illi l-kumpanija tkun ħadet lura l-pussess tal-vettura ma' jġibx awtomatikament illi l-kuntratt ikun ġie xolt anke jekk dan jistipula b'mod espress it-terminazzjoni tiegħu *ipso jure.* La darba f'din il-kawża r-rikorrenti qed titlob il-ħlas tal-bilanċ u mhux ix-xoljiment tal-kuntratt għandu għalhekk japplika l-Artikolu 1069(1) tal-Kap. 16 billi l-Qorti tikkundanna lid-debitur jeżegwixxi l-obligazzjoni tiegħu ta' ħlas **bid-dritt riservat lilu li jieħu lura l-pussess tal-vettura malli jsir dan il-ħlas.**

43. Ai termini tal-Art. 1069(2) il-kumpanija rikorrenti hija ukoll intitolata titlob il-ħlas tad-danni kkaġunati lilha. Madanakollu għalkemm il-ħaddiema tal-istess rikorrenti lkoll xehdu illi l-vettura kien jeħtiġilha jsirilha xi tiswijiet meta din ġiet irritornata lura lilhom, ir-rikorrenti ma' kkwantifkat l-ebda ammont ta' spejjeż u lanqas m'għamlet xi talba f'dan is-sens fir-rikors promotur tagħha.

**Deċiżjoni**

44. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat, tilqa t-talba tal-kumpanija rikorrenti b'dan li:**

   1. **Tikkundanna lill-intimat jħallas lir-rikorrenti s-somma ta' ħdax-il elf mitejn u għaxar euro (€11,210) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz tal-vettura "Suzuki Swift" bin-numru ta' reġistrazzjoni JBX 649 akkwistata mill-intimat permezz tal-kuntratt "*hire and purchase*" iffirmat bejn il-partijiet datat 8 ta' Marzu 2019, bl-imgħax legali dekoribbli mid-data tal-notifika lilu tar-rikors promotur u bl-ispejjeż kollha tal-kawża kontrih,**

   2. **Tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju ta' tletin (30) ġurnata mill-effettiv pagament, f'ġurnata, ħin u lok miftehma mar-**

**rikorrenti jieħu lura l-pussess tal-vettura b'dan ukoll illi r-rikorrenti għandha tiżgura illi teffettwa t-trasferiment relattiv mal-Awtorità' għat-Transport f'Malta entro t-terminu preskritt mill-liġi.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur